**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta’ Novembru, 2023**

Rikors Numru: 430/23 AL

A sive A B

vs

C D

(M.R. Numru 322/1996)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors illi ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Il-kontendenti żżewġu fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) ġewwa il-Knisja tal-Kapuccini, l-Furjana, Malta (hekk kif jidher mill-anness certifikat immarkat bhala Dok 'A').

2. Miż-żwieġ tal-kontendenti twieled tifel bl-isem ta' E, illum maggorenni, kif ukoll dakinhar tal-kuntratt tas-Separazzjoni.

3. Il-kontendenti ofirdu personalment in forza Att pubbliku datat id- disa' (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012), in atti tan-Nutar Dottor Maronia Fenech (hekk kif jidher mill-anness kuntratt immarkat bħala Dok. 'B').

4. B'hekk, illum il-kontendenti ilhom ma jgħixu flimkien għal aktar minn sena u ma jezisti ebda prospett ragionevoli ta' rikonciljazzjoni bejnithom.

5. Illi, permezz tal-klawżoli f'pagna numru sbatax (17) tal-kuntratt ta' separazioni personali msemmi iktar 1 fuq, il-Partijiet irrinunzjaw mid-dritt taghhom li jirċievu manteniment minghand xuxlin u għaldaqstant l-ebda manteniment m'hu dovut bejnithom

6. Għaldaqstant, ir-rekwiziti imposti mil-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jinstabu ampjament sodisfatti.

7. L-esponenti jikkonferma l-kontenut ta' dan ir-rikors bil-gurament tieghu permezz tal-Affidavit immarkat bhala Dok 'C.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia, l-hall taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien minnha stabbilit, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta ta' C D li permezz taghha esponiet:

1. ILLI huwa minnu li l-kontendenti zzewgu fis sittax (16) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) gewwa l-knisja tal-Kapuccini, Floriana;

2. ILLI huwa wkoll minnu li miz-zwieg, il-partijiet kellhom tifel, E, li illum huwa maggorenni;

3. ILLI skont il-kuntratt ta' separazzjoni anness mar-rikors promutur, il-partijiet infirdu legalment nhar id-disa' (9) ta' Awissu 2012;

4. ILLI l-esponenti qieghda toggezzjoni bil-qawwa kollha ghat-talbiet maghmula fir-rikors ghad-divorzju u dan minhabba diversi ragunijiet serji msemmijin fl- affidavit taghha hawn anness u mmarkat bhala Dok RG.

5. ILLI ghar-ragunijiet de quo, l-esponenti umilment temmen li din l-Onorabbli Qorti għandha tichad it-talbiet rikorrenti, bl-ispejjez kontrih.

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Awwissu 2023;

Rat ir-risposta u l-affidavit tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi l-intimata oġġezzjonat bil-qawwa kollha għat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur għar-raġunijiet imsemmija fl-affidavit illi annettiet mar-risposta tagħha;

Il-Qorti eżaminat dan l-affidavit u minnu jirriżulta illi r-raġuni għaliex l-intimata qegħda topponi bil-qawwa għat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur huma peress illi skont hi, iż-żwieġ tagħha kien karatteriżżat minn theddid, swat, vjolenza psikologika, aggressjoni u allegat adulterju da parti tar-rikorrenti;

Illi l-Qorti tara illi ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet ma tikkwalifika bħala raġuni valida sabiex persuna topponi għat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti  rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Awwissu 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.